# Il-benefiċċju soċjali għal mard



WARA l-waqfa tas-sajf, mil-lum se nissoktaw il-ħarsa tagħna lejn il-benefiċċji soċjali billi nitkellmu dwar aktar benefiċċji kontributorji. Dawn huma benefiċċji li jingħataw għal żmien qasir.

Illum se nitkellmu dwar il-benefiċċju għal mard waqt li fil-ġimgħat li ġejjin inkomplu l-mixja tagħna billi nitkellmu dwar, il-benefiċċju għal diżimpjieg, il-benefiċċju speċjali għal diżimpjieg, u l-benefiċċju għal korriment fuq ix-xogħol.

Nixtieq nirringrazzja lill-kollega tiegħi Anton Cesare (Assistent Direttur għall-Customer Care) li tani għajnuna kbira biex inwassal it-tagħrif tal-lum.

## X'inhu l-benefiċċju għal mard?

Persuna assigurata fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali li ma tkunx laħqet l-età tal-irtirar u li tkun iċċertifikata li ma tistax tmur ix-xogħol minħabba mard tista' tkun intitolata benefiċċju għal mard. Iżda hemm fattur importanti u determinanti – biex persuna tkun intitolata għal dan il-benefiċċju, anke jekk tkun iċċertifikata li hi marida u allura inkapaċi għax-xogħol, trid ukoll tissodisfa t-test tal-kontribuzzjonijiet.

Biex kulħadd jifhem għalliema benefiċċju qed nirreferi, żgur li xi darba għamiltu jew rajtu l-famuż ċertifikat blu li jagħmilulek it-tabib meta tkun ma tiflaħx u ma tmurx ix-xogħol. Jekk iva, probabbli li taf li jkollok żewġ kopji ta' dak iċ-ċertifikat – ta' quddiem tibgħatha lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali waqt li ta' wara tibgħatha lil min iħaddmek (jew iżżommha għandek jekk ma taħdimx). Dan iċ-ċertifikat, minnu nnifsu huwa talba għal benefiċċju għal mard, u malli jasal fid-Dipartiment jibda l-proċess biex eventwalment, jekk ikun dovut, isir il-ħlas.

## It-test tal-kontribuzzjonijiet

Fil-bidu semmejt li hemm fattur importanti u determinanti – biex persuna tkun intitolata għal dan il-benefiċċju, anke jekk tkun iċċertifikata li hi marida u allura inkapaċi għax-xogħol, trid ukoll tissodisfa t-test tal-kontribuzzjonijiet. Min qara din il-paġna fix-xhur li għaddew, x'aktarx li jiftakar li kont spjegajt kif isir it-test tal-kontribuzzjonijiet fejn għandu x'jaqsam il-pensjonijiet kontributorji.

Il-mod kif isir it-test tal-kontribuzzjonijiet għall-benefiċċju għal mard, għalkemm fil-prinċipju simili, fil-prattika huwa ħafna differenti. Filwaqt li t-test tal-kontribuzzjonijiet tal-pensjonijiet kontributorji jsir fuq medda twila ta' snin, it-test tal-benefiċċji kontributorji, bħall-benefiċċju għal mard, isir fuq perjodu iqsar ta' żmien.

Fil-fatt il-persuna li titlob dan il-benefiċċju trid tissodisfa żewġ testijiet kontributorji li huma:

- l-ewwel test, li l-persuna jrid ikollha mill-inqas 50 kontribuzzjoni mħallsa minn mindu daħlet fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali sad-data immedjatament qabel issir it-talba; u
- it-tieni test kontributorju: il-persuna jrid ikollha mill-inqas 20 kontribuzzjoni mħallsa jew akkreditati fis-sentejn ta' qabel issir it-talba.

Biex nagħti eżempju (A), jekk inti tagħmel talba għall-benefiċċju għal mard illum (allura fl-2010) u matul is-sena preċedenti (2009) ħallast sena sħiħa ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, inti żgur li se tissodisfa it-testijiet kontributorji msemmijin. Se jkollok (i) il-50 kontribuzzjoni imsemmijin fl-ewwel test immedjatament qabel it-talba, u se jkollok (ii) l-20 kontribuzzjoni li għandek bżonn fit-tieni test.

Eżempju ieħor (B) – nassumu li ilek taħdem għal numru ta' snin u dejjem ħallast il-kontribuzzjoni, għamilt sena wieqaf mix-xogħol u erġajt bdejt taħdem u wara ngħidu aħna sitt xhur taħdem u tħallas il-kontribuzzjoni (f'sitt xhur jiġu madwar 26 kontribuzzjoni) imradt għal żmien qasir u ssottomettejt iċ-ċertifikati. Anke hawn, inti se tikkwalifika għax se jkollok (i) il-50 kontribuzzjonijiet imsemmijin fl-ewwel test immedjatament qabel it-talba għax se tkun ilek taħdem għal numru ta' snin u se jkollok (ii) l-20 kontribuzzjoni li għandek bżonn fit-tieni test għax suppost li se jkollok madwar 52 kontribuzzjoni imħallsin għax tkun ħdimt madwar sena.

L-aħħar eżempju (Ċ) – nassumu li ilek taħdem għal numru ta' snin u dejjem ħallast il-kontribuzzjoni, għamilt tliet snin wieqaf mix-xogħol iżda kont qed tirreġistra għax-xogħol u għal xi żmien ħadt il-benefiċċju għad-diżimpjieg. Erġajt bdejt taħdem u wara ngħidu aħna sitt xhur taħdem u tħallas il-kontribuzzjoni mradt għal żmien qasir u ssottomettejt iċ-ċertifikati.

Forsi wieħed hawn jaħseb li ma jkunx se jikkwalifika għax għalkemm se jkollu (i) il-50 kontribuzzjonijiet imsemmijin fl-ewwel test immedjatament qabel it-talba għax se jkun ħadem għal numru ta' snin, mhux se jkollu (ii) l-20 kontribuzzjoni li għandu bżonn fit-tieni test għax fis-sentejn ta' qabel mhu se jkun ħallas xejn għax ma kienx qed jaħdem.

Dan tal-aħħar huwa minnu iżda, jekk fiż-żmien li kien bla xogħol kien qed jirreġistra taħt l-ewwel parti tar-reġistru u fil-bidu ħa l-benefiċċju għad-diżimpjieg, dan il-perjodu ta' bla xogħol ikun kopert b'kontribuzzjonijiet akkreditati u dawn jgħoddu wkoll biex wieħed jissodisfa t-tieni test. Allura anke f'dan il-każ, il-persuna tikkwalifika ukoll għall-benefiċċju.

## X' inhuma kontribuzzjonijiet akkreditati?

Kull persuna li ġeneralment tissodisfa t-testijiet kontributorji, fil-każ tal-benefiċċji li jingħataw għal żmien qasir, tista' tikkwalifika għall-kontribuzzjonijiet akkreditati. Dawn il-kontribuzzjonijiet akkreditati huma importanti ħafna għax għall-fini tal-mod kif jinħadmu l-benefiċċji kontributorji, inkluż il-pensjonijiet, dawn jitqiesu qishom imħallsin.

Fil-każ tal-benefiċċju għal mard, il-kontribuzzjonijiet akkreditati jingħataw lil kull persuna impjegata ta' 'l fuq minn 18-il sena għal kull ġimgħa sħiħa li ma tkunx marret għax-xogħol minħabba mard. Anke persuna li taħdem għaliha nnifisha hija intitolata għall-kontribuzzjonijiet akkreditati fuq il-benefiċċju għal mard. Ta' min jirrimarka wkoll li persuna taħt it-18-il sena hija intitolata għal kontribuzzjonijiet akkreditati anke jekk tkun ħallset kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali waħda.

Tajjeb li jingħad ukoll li b'mod ġenerali malli persuna tħallas l-ewwel kontribuzzjoni fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali hija tingħata awtomatikament u b'xejn sa mhux aktar minn 103 kontribuzzjonijiet akkreditati. Biex tifhmuni aħjar, jekk jiena ħallast l-ewwel kontribuzzjoni fl-iskema tas-Sigurtà Soċjali llum, allura ningħata 52 kontribuzzjoni akkreditata għassena kollha li għaddiet u kif ukoll 40 oħra minn Jannar ta' din is-sena s'issa.

## Tajjeb li tkun taf

Huwa importanti ħafna li nsemmi li ċ-ċertifikat il-blu irid jasal fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem mid-data tal-eżami tat-tabib. Nuqqas ta' dan jista' jtellef milli persuna tirċievi dan il-benefiċċju. Huwa ferm importanti li d-dettalji fuq iċ-ċertifikat mediku jimtlew kollha u jkunu jistgħu jinqraw għax dan jista' jtellef milli jew jinħareġ il-benefiċċju jew tingħata rata ta' ħlas ħażina.

Iċ-ċertifikat irid ikun iffirmat minn min hu ma jiflaħx u jimtlew ukoll id-dettalji dwar il-kont bankarju fejn trid li jsir il-pagament. Mingħajr dawn id-dettalji l-proċess jeħel u ċ-ċertifikat ikollu jintbagħat lura biex jimtlew id-dettalji nieqsa. Iċ-ċertifikazzjoni tal-mard trid issir minn tabib u l-inkapaċità għax-xogħol ma tistax tkun aktar minn sitt ijiem. Jekk il-mard itul aktar minn ġimgħa, iċ-ċertifikat mediku blu għandu jiġġedded darba fil-ġimgħa, sakemm il-persuna tkun tajba biex terġa' tibda taħdem.

Ta' min jgħid li għall-finijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, id-Direttur għandu dritt li jressaq persuna li tkun għamlet talba għal benefiċċju għal mard quddiem Bord Mediku biex isirilha eżami tal-kundizzjoni medika tagħha.

## Il-ħlas tal-benefiċċju

Ir-rata tal-benefiċċji kontributorji li jitħallsu għal żmien qasir tiġi stabbilita għal kull jum u mhux fil-ġimgħa bħalma huma l-pensjonijiet, il-benefiċċji u l-għajnuniet l-oħrajn. Fil-każ tal-benefiċċju għal mard, persuna li tissodisfa l-kriterji imsemmijin aktar qabel tkun intitolata għal jum ta' benefiċċju (bir-rata stabbilita) għal kull kontribuzzjoni mħallsa sakemm dan ma jaqbiżx il-156 ġurnata (jew sitt xhur bissitt ijiem fil-ġimgħa) f'perjodu ta' sena kalendarja.

Ir-rata kuljum tal-benefiċċju għal mard għal ġenitur singlu jew persuna miżżewġa li tmantni lill-konjugi li ma jaħdimx jew ma taħdimx fultajm hija ta' €17.88. Dan ifisser li xi ħadd li jaħdem sitt ijiem fil-ġimgħa jirċievi €107.28 fil-ġimgħa waqt li jekk jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa jirċievi €89.40 fil-ġimgħa.

Fil-każ tal-persuni l-oħrajn, inkluż dawk singoli, ir-rata mħallsa hija ta' €11.57 kuljum.

*IMPORTANTI: L-informazzjoni li qed tingħata f'din ir-rubrika m'hijiex intenzjonata li titqies bħala parir legali dwar xi drittijiet għal kwalunke benefiċċju soċjali jew materja oħra ta' sigurtà soċjali. L-għan ta' din ir-rubrika huwa purament u unikament biex tingħata informazzjoni ġenerali dwar is-sistema tas-sigurtà soċjali f'Malta. Għal aktar tagħrif tista' żżur il-websajt tagħna www.msp.gov.mt, tibgħat imejl fuq social.security@gov.mt, tista' tmur f'wieħed mill-uffiċċji distrettwali tagħna f'Malta u Għawdex jew inkella iċċempel fuq in-numru 159.*

16,17orTue.indd 2 10/4/10 7:21:33 PM

# mard

Jiġifieri xi ħadd li jaħdem sitt ijiem fil-ġimgħa jirċievi €69.42 fil-ġimgħa waqt li jekk jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa jirċievi €57.85 fil-ġimgħa.

Il-benefiċċju jibda jitħallas mir-raba' ġurnata ta' mard kif inhuwa stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Jigifieri l-ewwel tlett ijiem ta' mard mhumiex koperti mill-benefiċċju għal mard.

Madankollu, jekk l-applikant ikun għadda minn intervent kirurġiku maġġuri jew ibati minn mard jew feriti gravi li jeħtieġlu żmien twil ta' trattament qabel jirritorna għax-xogħol hu jista', fuq l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali u wara rakkomandazzjoni minn Bord Mediku, ikun intitolat għal aktar ġranet sakemm dawn ma jeċċedux il-468 jum (jew sena u nofs) fuq perjodu ta' sentejn kalendarji.

Biex nifhmu dan fil-prattika, nerġa' mmur għall-ewwel eżempju (A) li tajt fuq – la l-persuna ħallset biss 52 kontribuzzjoni immedjatament qabel id-data tat-talba jfisser li din tkun intitolata biss għal 52 ġurnata ta' benefiċċju.

Iżda minħabba li skont l-eżempju tagħna dawn il-kontribuzzjonijiet tħallsu fl-2009, id-Dipartiment ikun irid jivverifika x'kontribuzzjonijiet tħallsu matul din is-sena (2010), jiġifieri minn Jannar sal-bieraħ.

Dawn il-kontribuzzjonijiet jiżdiedu mat-52 tas-sena ta' qabel u b'hekk il-persuna tkun intitolata għal aktar ġranet ta' benefiċċju.

Dan li għadni kif għedt ifisser ukoll li jekk persuna tkun ilha taħdem ngħidu aħna għal 20 sena jew aktar u tkun ħallset numru kbir ta' kontribuzzjonijiet, ngħidu aħna 1,000 kontribuzzjoni sad-data tat-talba, u tgħaddi mill-proċess kollu li għadni kif semmejt fuq, din tista' tibqa' għaddejja bil-benefiċċju sa nofs is-sena 2012 jekk il-bord mediku jkun tal-fehma li għadha inkapaċi għax-xogħol.



**MARK MUSÙ**
Direttur għall-Iżvilupp Strateġiku u Relazzjonijiet Internazzjonali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali

## Kont taf li...

- **Bħala regola, ebda benefiċċju tas-sigurtà soċjali ma jitħallas awtomatikament. Għandek kemm għandek dritt, jekk ma tapplikax fuq il-formola uffiċjali pprovduta mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u ma tapplikax fiż-żmien stipulat mil-liġi, id-dritt għall-benefiċċju tista' titilfu jew ma titħallasx minn meta seta' kellek id-dritt.**
- **L-unika eċċezzjoni hija biss fil-każ tal-benefiċċju għad-diżimpjieg. Meta l-persuna tirreġistra għax-xogħol l-ewwel darba mal-ETC taħt l-ewwel parti tar-reġistru, dan awtomatikament ikun meqjus bħala applikazzjoni u allura m'hemmx bżonn li wieħed japplika għal dan il-benefiċċju. Iżda jekk il-persuna taħseb li għandha dritt għal benefiċċji oħrajn, bħall-għajnuna soċjali, din trid tapplika għalihom xorta.**
- **Fil-każ tal-pensjoni tal-irtirar, il-pensjoni tar-romol, tal-għotja għal żwieġ, il-benefiċċju għall-maternità, l-allowance tat-tfal, u l-allowance għal tifel jew tifla b'diżabilità, it-talba trid issir fi żmien sitt xhur minn meta jirriżulta d-dritt għal xi wieħed minn dawn il-benefiċċji.**
- **Fil-każ tal-benefiċċji għal mard u għal korriment fuq ix-xogħol, it-talba trid issir fi żmien għaxart ijiem minn meta tkun bdiet il-kontinġenza.**
- **Fil-każ tal-benefiċċju għal-diżimpjieg speċjali, għajnuna soċjali, għajnuna medika, pensjoni tal-età, pensjoni għal diżabilità jew għal persuna b'vista batuta, pensjoni għall-wens, pensjoni għal invalidità u l-allowance supplimentari, id-dritt jibda jgħodd mid-data tat-talba jekk din tasal fid-Dipartiment sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara.**

*Staqsi lis-Sur Mark Musù billi tikteb lil:*

**Paġna Sigurtà Soċjali, l-orizzont,**
**A41 Qasam Industrijali, Marsa, MRS3000**

*inkella b'imejl bis-suġġett "Paġna Sigurtà Soċjali" fl-indirizz **ittri@unionprint.com.mt**. Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' interess ġenerali, mhux każi privati jew personali.*

16,17orTue.indd 3 10/4/10 7:22:05 PM